**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI: SKEMA TAR-RESTAWR TAD-DGĦAJJES**

Għar-raba' sena konsekuttiva l-Gvern flimkien mad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, se jkun qiegħed jgħin lis-settur tas-sajd permezz ta' fondi nazzjonali.

Din hija skema fejn is-sajjieda se jkunu qegħdin jibbenifikaw sa massimu ta' €2,700 fi flus lura wara li jkunu għamlu l-manutenzjoni meħtieġa u ħadmu b'mod professjonali fuq bastimenti tradizzjonali tas-sajd. Apparti minn hekk, dawn ix-xorta ta' bastimenti jsebbħu l-portijiet tagħna minn Marsaxlokk sa San Pawl il-Baħar, minn Malta sa Għawdex, u jagħtu kontribut kulturali u turistiku.

Fl-iskema tas-sena li għaddiet kien hemm 128 bastiment li bbenefikaw mis-somma ta' ftit iżjed minn €160,000.

Fl-iskema ta' din is-sena hemm 223 bastiment li huma eliġibbli għal din l-iskema. Dawn il-bastimenti huma kollha tal-injam u maħduma qabel l-2007 li jinkludu l-luzzu, il-kajjik, il-firilla u l-frejgatina. Fil-ġbid tal-bastimenti tagħhom, is-sajjieda Maltin u Għawdxin jagħmlu diversi spejjeż bħal żebgħa, injam, xogħol fuq l-injam u materja prima oħra. Dan kollu huwa infieq eliġibbli taħt din l-iskema.

Huwa fattur importanti li nkunu nafu huwa li dan it-tip ta' bastimenti tirrikjedi sengħa u xogħol li jiswa ħafna flus lis-sajjieda tagħna u li mingħajr din l-għajnuna jkun ħasra li nitilfu darba għal dejjem dawn il-bastimenti mil-flotta tas-sajd Maltija. Għalhekk, id-dipartiment iħeġġeġ lis-sajjieda biex jaħtfu din l-opportunita' u jitfgħu l-applikazzjonijiet tagħhom mad-Dipartiment tas-Sajd biex jibbenfikaw huma wkoll.

L-iskema ser tiftaħ f'Marzu u l-applikazzjonijiet ħa jintlaqgħu bejn il-14 u t-28 ta' Marzu sabiex imbagħad f'Novembru d-Dipartiment tas-Sajd ikun qed jilqa' l-irċevuti fiskali tan-nefqiet li jkunu saru. Għal aktar informazzjoni tista' ċċempel fuq 22926831/22926859.